MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 112

20 ta' Mejju 2019

Minuti tas-seduta Nru. 112 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 20 ta' Mejju 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li talab jiġi skużat permezz ta' imejl datat 20 ta' Mejju 2019, minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 7.2 **(Ref: P/5/8/G)** u talab li din tinqara kif ġej:

*"7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.7.1. tas-seduta ta' qabel u qal li fil-laqgħa li saret ma' uffiċjali minn Project Malta Ltd fil-11 ta' April 2019. Għan naħa tal-Kunsill, flimkien mas-Sur J. Buttigieg attendew il-Kunsillieri E. Bartolo u J. Gauci. Fil-laqgħa ġew spjegati l-intenzjonijiet tal-Gvern Ċentrali. Dan jinvolvi konsolidazzjoni tal-użu attwali tal-art billi jinbnew ħitan, asfaltar mill-ġdid tal-parkeġġ li hemm biswit Triq il-Marfa, kif ukoll asfaltar għall-ewwel darba tat-tliet parkeġġi li hemm aktar 'l ġewwa. Dan ser jipprovdi spażju għall-326 vettura privata u caravans. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fil-laqgħa msemmija huwa aċċenna għall-possibiltà li jsir multi-storey car park sabiex jintrebaħ aktar spazju, liema proposta ġiet imwarrba minħabba l-baġit allokat.".*

1.3. Il-minuti tas-seduta Nri. 111 tad-29 ta' April 2019 ġew approvati bl-emenda t'hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. **Iddisinjar u stampar ta' kotba "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / *Mellieħa Through the Tides of Time*"** **(P/4/5/Vol III)**

2.1.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-ispiża totali sabiex saret il-pubblikazzjoni msemmija kienet tammonta għall-€21,410, filwaqt li l-istampar tal-erba' verżjonijiet tal-ktieb kien kif ġej:

| | |
|---|---|
| Malti u Ingliż *hardbound* | 726 |
| Malti u Ingliż *softbound* | 475 |

2.1.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill iddeċieda li l-prezzijiet ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Verżjoni *Hardbound* | €20.00 |
| Verżjoni *Softbound* | €15.00 |

2.1.4. Is-Sindku qal li bħala rikonoxximent, it-tmintax-il awtur ingħataw il-verżjonijiet bil-Malti u bl-Ingliż *hardbound*, liema kotba tqassmu waqt attività tat-tnedija tal-ktieb fis-16 ta' Mejju 2019.

2.1.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jitqassmu b'mod kumplimentari kotba kif jidher hawn taħt:

| | **Malti HB** | **Malti SB** | **Ingliż HB** | **Ingliż SB** |
|---|---|---|---|---|
| Kunsillieri | 1 | 3 | 1 | 3 |
| Impjegati tal-Kunsill | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Editur | | 3 | | 3 |
| Awturi (addizzjonali) | | 3 | | 3 |
| Is-Sur Joseph Vella (Stampar) | | 1 | | 1 |
| Arċipriet Mellieħa | 1 | | 1 | |
| Kappillan Manikata | 1 | | 1 | |
| Ċentru Laburista | | 1 | | 1 |
| Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista | | 1 | | 1 |
| L-Onor. Clayton Bartolo | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Għaqda Mużikali Imperial | | 1 | | 1 |
| Società Filarmonica La Vittoria | | 1 | | 1 |
| Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina | | 1 | | 1 |
| Art Club 2000 | | 1 | | 1 |
| Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina | | 1 | | 1 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti | | 1 | | 1 |

2.1.6. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha tingħata *voucher* lill-editur is-Sur Jeffrey Sammut sabiex tkopri spejjeż b'rabta max-xogħol volontarju li huwa għamel.

**2.2.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa** **(T/5/3)**

2.2.2. Is-Sindku għarraf li x-xogħlijiet fuq l-ewwel fażi ta' Triq il-Marfa tlestiet u nfethet għat-traffiku fl-20 ta' Mejju 2019, meta l-karozzi tal-linja reġgħu bdew jgħaddu mir-rotta normali u għalhekk twaqqaf is-servizz tal-*minibus shuttle* iffinanzja mill-Kunsill.

2.2.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li x-xogħlijiet fi Triq il-Marfa twaqqfu sa' Triq l-Erwieħ, peress li l-perit inkarigat mix-xogħol tar-restawr li għaddej fuq il-Kmamar tas-Santwarju ġibed l-attenzjoni ta' Infrastructure Malta li l-vibrazzjoni tar-romblu wżat fix-xogħol tat-triq jikkawża aktar danni fl-istess binja, qabel ma' din tiġi rinfurżata.

2.2.4. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li minħabba t-twessiegħ tal-bankina fi Triq il-Marfa, bejn Triq it-Trill u Dawret it-Tunnara, naqsu xi *parking bays*, filwaqt li l-wisa' tal-karreġġjata nżamm uniformi. Fl-istess parti tat-triq saret ukoll *pelican crossing* qrib il-*bus stop*, filwaqt li ġie ntrodott parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità f'Dawret it-Tunnara

2.2.5. Ġie spjegat ukoll li żdiedu l-*catch pits* tal-*culvert* fil-ġenb tat-triq, filwaqt li ġew evitati oħrajn tat-tip li jaqsmu minn naħa għal'oħra tat-triq, peress li dawn ħafna drabi jiġġeneraw ħsejjes li jikkawżaw inkonvenjent għar-residenti.

2.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Ħarġa kulturali u Jum l-Omm** **(A/5/5/Vol VII)**

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.9.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li għall-ħarġa tas-16 ta' Mejju 2019 fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, li kienet tinkludi Villa Bologna u l-*President's Kitchen Garden*, f'Attard, attendew 50 persuna. Hawnhekk tqassmu wkoll *mementos* forma ta' qalb lill-ommijiet preżenti.

2.3.3. Is-Sinjura Brincat Stellini aċċennat ukoll li fil-11 ta' Mejju 2019 saret l-attività għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm ukoll, f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa, fejn kien hemm divertiment u l-għoti ta' fjura lill-ommijiet preżenti.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Ċentru ta' intrepretazzjoni fl-Irżiezet ta' Selmun** **(P/10/3A)**

3.1.2. Il-Kunsillier J. Attard staqsa dwar x'inhu jżomm il-ħruġ tal-permess sabiex il-binjiet imsemmija jintużaw bħala ċentru ta' interpretazzjoni.

3.1.3. Is-Sindku wieġeb li l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità qed titlob li jittieħdu ċerti miżuri f'dawn il-binjiet li mhux faċli jiġu nkorporati fihom. L-unika parti li toqrob lejn il-linji gwida addotti mill-istess kummissjoni,hija dik li tiġi faċċata tal-Bir tal-Ħnejja.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin** **(T/3/2/Vol XV)**

3.2.2. Fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill ma qabilx li għandhom jsiru *speed humps* fi Triq il-Qortin, il-Kunsillier J. Attard staqsa dwar jekk huwiex possibbli li jsir monitoraġġ tal-veloċità permezz ta' apparat portabbli.

3.2.3. Is-Sindku wieġeb li tali monitoraġġ normalment isir f'toroq maġġuri.

**3.3.1. Żvilupp illegali fil-Miżieb** **(P/5/14/Vol XI)**

3.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni għall-żvilupp li fit-triq tal-Miżieb bejn il-pont u l-kurva li tiġi fuq ir-riħ tat-triq tal-Miżieb ta' Ġewwa. Hija qalet li dan il-post huwa ċertament 'il barra miż-żona ndikata għall-iżvilupp u probabbilment huwa llegali.

3.3.3. Il-Kunsill qabel li dan il-każ għandu jinġieb għall-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2019;
- *Purchase Request Form* – 17/05/19;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 09/04/19 – 29/04/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 27/04/19 – 17/05/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

**5.1.1. Penalty *shootout*** **(S/6/Vol IV)**

5.1.2. Saret referenza għal ittra datata 29 ta' April 2019, mibgħuta mill-Mellieħa *Sports Club Football Nursery,* fejn talbu lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-attivita` imsemmija li ser isseħħ fl-14 ta Ġunju 2019.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbiżx €300.

**5.2.1. *Speed hump* fi Triq l-Etna** **(T/3/2/Vol XV)**

5.2.1. Saret referenza għal petizzjoni datata 8 ta' Mejju 2019 dwar il-ħtieġa ta' *speed hump* fi Triq l-Etna, qabel wieħed idur għal Triq l-Għasel. Dan peress li t-triq hija dejqa u l-kurva qawwija li hemm ma tippermettix li wieħed jara vettura li tkun ġejja fid-direzzjoni opposta.

5.2.2. Il-Kunsill ra li t-talba tinvolvi r-residenti kollha tal-qrib, u approva t-talba. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta.

**5.3.1. Kaxxi sofor fi Triq il-Klamari** **(T/3/2/Vol XV)**

5.3.2. Saret referenza għal petizzjoni datata 21 ta' Marzu 2019, mibgħuta minn residenti ta' Triq il-Klamari, illi qed jallegaw li hemm partijiet tat-triq indikati bil-kaxxi sofor fejn fil-fatt mhemmx garaxxijiet użati għat-tqegħid ta' vetturi jew dgħajjes. Għaldaqstant talbu sabiex isiru spezzjonijiet fil-postijiet li ġew indikati permezz ta' ritratti mehmuża mal-istess petizzjoni.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li firmatarji tal-petizzjoni għandhom jagħtu l-provi biex jissusstanzjaw l-allegazzjonijiet tagħhom.

**5.4.1. Festa Familja – Kummissjoni Familja** **(S/6/Vol IV)**

5.4.2. Saret referenza għal imejl datata 14 ta' Mejju 2019, mibgħuta mill-Kummissjoni Familja fi ħdan il-Parroċċa tal-Mellieħa, dwar l-attività msemmija li ser isseħħ fis-26 ta' Mejju 2019. Il-Kunsill intalab ikun parteċipi fl-organizzazzjoni tagħha billi jipprovdi logħob għat-tfal li jkunu preżenti f'Misraħ il-Parroċċa.

5.4.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.5.1. Tisbiħ fi Triq Sant' Anna (P/4/17)

5.5.2. Is-Sindku għarraf li x-xogħol ta' tisbieħ fit-triq imsemmija għaddej u dalwaqt ser jitwaħħal puġġaman mal-*bollards* tal-konkos, li fuqhom ser jiġu nstallati żewġ fanali ornamentali. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li l-wiċċ tal-rampa għall-persuni b'diżabilità jsir mill-*grey slate* minflok bil-wiċċ tal-konkos. Huwa qal li dan il-materjal ma' jiġix jiżloq maż-żmien, bħal fil-każ tal-konkos. Huwa ppropona wkoll li l-wiċċ tas-sottobank, in-naħa ta' fuq tar-rampa, u l-qsari jinksew bl-istess materjal. Il-kuntrattur ta stima għall-provista u tqegħid ta' dan il-materjal li tammonta għall- €4,096.44. Aċċenna wkoll għall-fatt li l-kuntratt ingħata f'Mejju 2016 u minn dak iż-żmien l-prezz tal-ħadid żdied. Għal din ir-raġuni, il-kuntrattur qed jitlob ħlas addizzjonali ta' €1,504.42 Is-Sur J. Buttigieg qal li fiż-żewġ każi, il-kuntrattur kien ser jikkonferma dawn l-istimi bil-kitba

5.5.3. Il-Kunsill approva l-varjazzjonijiet indikati.

### 5.6.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill 2019 A/5/3/1/Vol XVI)

5.6.2. Is-Sindku fakkar li l-edizzjoni ta' Jum il-Kunsill 2019 ser issir nhar il-Ħamis 25 ta' Lulju 2019. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li din id-darba tkun taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta l-Eċċ. Tiegħu George Vella li għadu kemm daħal fil-kariga.

5.6.3. Ġie mfakkar ukoll li skont ir-regolamenti stabbiliti, għandhom jitwaqqgħu dawk in-nominazzjonijiet għall-onorefiċenzi tal-Ġieħ u Rikonoxximent li saru qabel l-2013, illi ma jiġux imġedda. Is-sejħa għan-nominazzjonijiet u t-tiġdid ta' dawk li saru qabel l-2013 għandha tagħlaq fil-5 ta' Lulju 2019.

5.6.4. Il-Kunsill qabel ukoll li din l-edizzjoni ssir fil-Bitħa tas-Santwarju, sakemm ma jkunx hemm problemi minħabba xogħlijiet ta' restawr li attwalment għaddejjin fl-istess post. F'każ li jkun hemm problemi f'dan ir-rigward, is-sarata għandha ssir f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

### 5.7.1. Proġett pilota dwar *Community Policing* (P/9/Vol IV)

5.7.2. Is-Sindku rrefera għal laqgħa li saret fil-15 ta' Ġunju 2019 mas-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett is-Sur M. Haber u s-Sur C. Bull li huwa konsulent mad-Dipartiment tal-Pulizija. Il-laqgħa kienet dwar proġett pilota li l-istess Dipartiment jrid jitwettaq fil-Mellieħa. Ġie spjegat li dan jinvolvi pulizija li jaħdmu qrib ir-residenti, bl-iskop li jkun hemm aktar skambju ta' informazzjoni u edukazzjoni. Il-ħsieb huwa li jkun hemm tliet kuntistabbli u surġent li jaħdmu independentement minn dawk tal-għassa. Biex ikun jista' isir dan, il-Kunsill intalab joffri spazzju fl-uffiċċju tiegħu għal dan il-għan.

5.7.3. Il-Kunsill qabel li għandu jkun parteċipi fil-proġett.

### 5.8.1. Korsijiet tal-kompjuter offruti mill-LEAP (A/8/3)

5.8.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li fiċ-Ċentru tal-LEAP fil-Qawra qed jiġu offruti korsijiet tal-ECDL mingħajr ħlas.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.9.1. Attivitajiet mtellgħa mill-Kunsill tal-Arti (A/5/5/Vol VII)

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-programm ta' attivitajiet imfassal mill-Kunsill għas-sajf 2019. L-iskop huwa illi l-attivitajiet ma jibqgħux limitati fil-belt Valletta. Għaldaqstant, il-Mellieħa ġiet magħżula biex tkun parti minn proġett flimkien mal-istudenti tal-MCAST li ser joħolqu biċċa xogħol tal-arti li titqiegħed temporanjament f'xi spazju pubbliku. Din l-attività mistennija li sseħħ bejn l-10 ta' Ġunju u l-15 ta' Lulju 2019.

5.9.3. Is-Sinjura Brincat Stellini kompliet tinforma, li bejn it-2 u l-14 ta' Lulju hemm ippjanat spettaklu ta' mużika, kant u żfin imtellgħa fuq palk armat fuq jott li ser ikun qed idur il-bajjiet l-iktar iffrekwentati.

5.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Proġett – *KNOTS - Knowledge, Not Scepticism* (P/10/1/Vol IV)

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 15 ta' Mejju 2019, mibgħut mill-Muniċipalità ta' Herrera del Duque fi Spanja, fejn stiednu delegazzjoni mill-Mellieħa sabiex tieħdu sehem fit-tkomplija tal-proġett imsemmi fl-istess lokalità, bejn is-27 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2019.

5.10.3. Il-Kunsill laqa' l-istedina, u approva l-attendenza tal-Kunsilliera A. Brincat Stellini u persuna oħra.

### 5.11.1. Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-attività msemmija li ser issir nhar l-Erbgħa 19 ta' Ġunju 2019, tibda bit-tluq tal-bandu minn Triq Sant' Anna, ikompli fi Triq il-Parroċċa u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa bil-ħruq tal-ħuġġieġa. Hija ssuġġeriet li apparti l-ispetaklu li joffru l-In Guardia, quddiemhom jimmarċjaw l-Mellieħa Scout Group

5.11.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 5.12.1. *Billboard* fit-Telgħa ta' Selmun (T/4/3/Vol II)

5.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fl-assenza tal-*billboard* imsemmi, li ġarrab ħsara bil-maltemp, ikun jagħmel sens jekk il-Kunsill jikkonsidra mezzi alternattivi biex jagħti pubbliċità lill-attivitajiet tiegħu.

5.12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li kemm-il darba ma jiġix irranġat il-*billboard* eżistenti, jew isir wieħed ġdid, għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li jitwaħħlu *billboards* żgħar f'postijiet prominenti fil-lokalità.

### 5.13.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża 2019 (F/1/7/Vol III)

5.13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal ittra datata 16 ta' April 2019 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kummerċ, fejn il-Kunsill ġie mistieden jikkompeti għall-premjijiet imsemmija permezz ta' inizjattivi li jkun daħal għalihom sabiex għen fit-tkattir tal-kummerċ fil-lokalità. Hija qalet li d-data tal-għeluq kienet is-17 ta' Mejju 2019 u s-sottomissjonijiet li saru kienu jirrigwardaw it-tħaddim ta' servizz *shuttle* permezz ta' *minibuses* sakemm kien għaddej ix-xogħol ta' rikostruzzjoni fuq Triq il-Marfa, li beda fl-1 ta' April u kien ippjanat li jintemm fid-19 ta' Mejju 2019.

5.13.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 3/2019, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi r-Restawr u Rijabilitazzjoni ta' ħajt tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun;***

***Billi sar rapport tekniku mill-Contracts Manager tal-Kunsill tat-23 ta' April 2019 u evalwazzjoni mis-Kumitat tal-Evalwaturi tas-sit offerti li saru, skont rapport datat 7 ta' Mejju 2019; u***

***Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2019 ġew ivvutati fondi biżżejjed fil-Vot 7533 bis-saħħa ta' finanzjament approvat taħt il-Miżura 4.4 tal-Fond Agikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali skont ftehim bir-referenza EAFRD 190895;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent All Buildings Ltd li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti fid-dokument tal-offerta.".* (P/10/27)**

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**7.1. PA 3488/19 - Bini ta' Lukanda 3 Star fi Triq il-Marfa (P/5/8/S)**

7.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi art konfinanti minn Triq il-Marfa, iċ-Ċimiterju Omm il-Ħniena, u art agrikola. Ġie osservat li kienet saret applikazzjoni – PA 0071/08 - għall-istess art sabiex tiġi żviluppata 3-star *aparthotel*, liema talba kienet ġiet irtirata mill-istess applikant.

7.3. Il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjoni billi s-sit jinsab f'wied u '1 barra miż-żona tal-iżvilupp, filwaqt li kemm-il darba jimbena, jimpedixxi t-tkabbir taċ-ċimiterju. Tali tkabbir jista' jsir biss f'żona barra mill-konfini tal-iżvilupp.

**8.1. Restawr tal-Batterija tal-Mistra mill-Fondazzjoni Wirt Artna (R/2/Vol II)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf b'imejl datat l-1 ta' Mejju 2019 fejn fakkar li l-Fondazzjoni Wirt Artna kienet bdiet tirrestawra l-Batterija tal-Mistra, iżda x-xogħol kellu jitwaqqaf minħabba nuqqas ta' fondi. The proġett kien oriġinarjament qed jiġi ffinanzjat mill-EIPP Fund, li attwalment huwa amministrat mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi u allura ma jistax jiffinanzja xogħlijiet marbuta ma' beni kulturali.

8.3. Ġie spjegat li dan ħoloq problema għall-Fondazzjoni fi stadju meta x-xogħol fuq il-binja *per se'* tlesta, iżda fadal xi jsir ix-xogħol fuq l-aperturi tal-injam, l-għamara u l-faċilitajiet sanitarji. L-ispiża ta' dan kollu hija stmata fil-livell ta' €40,000 u qed jitolbu li l-Kunsill jikkonċedi l-istess ammont mid-*Development Planning Fund.* L-għan tal-Fondazzjoni huwa li l-post jinfetaħ għall-pubbliku bħal fil-każ tal-Forti Rinella, Lascaris War Rooms, eċċ.

8.4. Kien hemm qbil li l-Fondazzjoni għandha tintalab tgħaddi kopja tal-att ta' kurazija (*guardianship deed*) li seta sar mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Storiku. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jkun parteċipi fl-immaniġġjar tal-batterija, peress illi ser ikun qed jikkonċedi fondi dovuti lilu, u anke minħabba li din tinsab fil-lokalità,.

**9.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2019 (F/1/1/Vol II)**

9.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Marzu 2019 kien jammonta għal €342,623, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €216,445, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €216,445.

9.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti (*Current Asset*) żdied meta mqabbel mal-ewwel sitt xhur tas-sena u kien jammonta għall-€1,207,806 (Diċembru 2018 - €1,369,817), li €1,018,121 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities)* niżlu fil-livell ta' €433,235 (Diċembru 2018 - €625,605). Dawn jikkonsistu minn kontijiet pendenti (*Payables*) li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż (*accruals*) fuq servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba.

9.4. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 70% - żieda ta' 2% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

9.5. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), bejn Jannar u Marzu, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €164,600 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*).

9.6. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati sal-aħħar ta' Marzu 2019 kien ta' €9,483,996, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem l-istess xahar, il-valur nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €3,115,428.

9.7. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## 10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 17 ta' Mejju 2019.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-17 ta' April u s-17 ta' Mejju 2019.

10.5. Tressqet wkoll b'mod separat, skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* li sar bejn id-9 ta' April u d-29 ta' April 2019.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ' skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 ta' Ġunju 2019 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**